

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2017 – Hristov vs Il-Kummissjoni u EMA**(Kawżi magħquda T-495/16 RENV I u T-496/16 RENV II) ⁽¹⁾****(“Servizz pubbliku — Ħatra — Post ta’ direttur eżekuttiv ta’ aġenzija regolatorja — EMA — Proċedura ta’ selezzjoni u ta’ ħatra — Kompożizzjoni tal-kumitat ta’ pre-selezzjoni — Imparzialità — Kriterji ta’ evalwazzjoni — Ħatra ta’ kandidat ieħor — Awtorità ta’ res judicata”)**

(2017/C 382/50)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Partijiet

Rikorrent: Emil Hristov (Sofia, il-Bulgarija) (rappreżentanti: fil-Kawża T-495/16 RENV I, M. Ekimdzhiev, K. Boncheva u G. Chernicherska u, fil-Kawża T-495/16 RENV II, inizjalment minn M. Ekimdzhiev, K. Boncheva u G. Chernicherska, sussegwentement minn M. Ekimdzhiev u K. Boncheva, avukati)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (rappreżentanti: G. Berscheid u N. Nikolova, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, b’mod partikolari, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta’ April 2011 li permezz tagħha hija pproponiet lill-kumitat amministrattiv tal-EMA lista ta’ erba’ kandidati irrakkomandati mill-kumitat ta’ pre-selezzjoni u kkonfermati mill-kumitat konsultattiv tal-ħatriet u tad-deċiżjoni tal-kumitat amministrattiv tal-EMA tas-6 ta’ Ottubru 2011 li dwar il-ħatra tad-direttur eżekuttiv tal-EMA kif ukoll għar-riżarċiment tad-danni allegatament subiti mir-rikorrent minħabba l-imsemmija deċiżjonijiet.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Emil Hristov huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti fil-Kawżi F-2/12, T-26/15 P, T-27/15 P, T-495/16 RENV I u T-495/16 RENV II.*

⁽¹⁾ ĠU C 184, 23.6.2012 (Kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-2/12).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta’ Settembru 2017 – Hanschmann vs Europol**(Kawża T-562/16) ⁽¹⁾****(Servizz pubbliku — Europol — Nuqqas ta’ tiġdid ta’ kuntratt — Rifjut li jingħata kuntratt għal żmien indeterminat — Kumpens — Annallament mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Eżekuzzjoni tas-sentenzi fil-Kawżi F-27/09 u F-104/12)**

(2017/C 382/51)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrent: Ingo Hanschmann (Taucha, il-Ġermanja) (rappreżentanti: W. Dammingh u N. Dane, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (rappreżentanti: D. Neumann u C. Falmagne, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck, A. Duron u I. Antypas, avukati)